KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGHAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGHA NUMRU 15

Il-ħmistax il-seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tlieta 5 ta' Mejju 2020 fis-6pm. Il-laqgħa saret 'remotely' minħabba ċ-ċirkostanzi preżenti u n-neċessita ta' social distancing.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Graziella Attard Previ | Vici Sindku |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Wallave Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Pierre Portelli | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Vivian Galea Pace | Kunsillier |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| **ASSENTI** | n/a | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal/D.Seg Eż |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-18.00:*

*15.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*
*15.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*15.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*15.5 Rapporti ;*
*15.6 Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill;*
*15.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati;*
*15.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*15.9 Mozzjonijiet*
*15.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 15.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

15.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-kunsilliera V.Galea Pace u E.Borg talbu biex ikunu skuzati minħabba li ma kellomx mezz biex jipparteċċipaw online. Qal ukoll illi minħabba impenji oħra l-kunsillier P.Portelli talab illi jkun skuzat.

## 15.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

15.2.1 Saru l-korrezzjonijiet kif huma indikati fuq id-dokument oriġinali. *Minuti nru 14*

15.2.4 Il-kunsillier D.Muscat ippropona li l-Minuti nru 13 jiġu approvati. Il-Viċi Sindku ssekondaħ. Il-Kunsill qabel. *Approvazzjoni tal-Minuti nru. 14.*

## 15.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

15.3.1 Is-Sindku għamel referenza għall-applikazzjonijiet mal-Lands illi saru għall-Public Convenience ta' The Strand, u l-Car Park ta' Exiles. Fakkar illi t-tnejn li huma kienu ġew approvati minn naħa tal-Lands izda kienu irtiraw dik ta' The Strand. Qal illi ftit ġimgħat ilu kellu laqgħa mas-Segretarju Permanenti izda ħassru l-laqgħa fl-aħħar minuti. Qal illi issa għandu laqgħa nhar il-Ħamis 14 ta' Mejju. *Applikazzjonijiet mal-Lands*

15.3.2 Il-Kunsill ġie informat illi rigward l-applikazzjoni tal-Public Convenience ta' Ferro Bay, l-affarijiet mexjin. *FerroBay*

15.3.3 Is-Sindku qal illi se jsiru xi pompi taħt l-art għall-pompa tal-petrol ta' 'Speedy Garage' izda x-xogħolijiet m'għandomx jaffetwaw il-proġett illi għanda ssir fl-area. Zied illi skont il-pjanti ma tidhirx illi għandom ineħħu xi siġar izda m'hemm l-ebda ċertezza. Il-kunsillier P.Radmilli fakkar illi jkollom garanzija bankarja f'każ illi se jmissu siġar. Is-Sindku qal illi hemm il-possibilta li l-MTA jieħdu ħsieb tħawwil ta' siġar fl-area. Il-kunsillier P.Radmilli ssuġerixxa li minflok isiru planters. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment. *Speedy Garage*

15.3.4 Is-Sindku qal illi l-għada tal-laqgħa għandu jirċievi l-aħbar dwar meta se jkomplu xogħolijiet ta' triq Manoel Dimech u meta se tibda l-parti bejn l-Għasa u lx-Xatt. Rigward triq Sant' Elena, wara mistoqsija mill-kunsillier D.Muscat ikkonferma li l-problema tal-ilma ġiet indirizatta. *Infrastructure Malta: Sant' Elena u Manoel Dimech*

15.3.5 Is-Sindku spjega kif fis-sena 2013 il-Kunsill kien għamel xogħolijiet ġewwa triq it-Torri, u talli xogħol ġiet irronvinata minn naħa ta' IM meta ħadmu fit-triq is-sena l-oħra. Qal illi rċieva korrespondenza biex ninfurmaw lil IM fejn hemm bzonn il-manutenzjoni ħalli jieħdu ħsieb l-areas, peress illi t-triq mhix waħda minn dawk illi għanda ssir minn naħa tal-entita. *Tower Road*

15.3.6 Is-Sindku qal illi l-Paroċċa ta' Sacro Cuor għamlu talba biex l-area barra l-knisja tiġi pavimentata, jitneħħew tlett postijiet ta' parkeġġ u jitneħħew il-bollards. Dan għalhiex qed ikun hemm problemi kull darba li vettura ta' emerġenza tgħaddi minn hemm. Kien hemm qbil illi ssir. Is-Sindku qal ukoll illi kienu qablu li jħallsu l-30% tal-ammont waqt illi ndaħħlu applikazzjonijiet għall-UIF. *Sacro Cuore*

15.3.7 Inqara talba wkoll minn supplier li joffri servizz bħala DPO izda wara diskussjoni l-Kunsill qabel illi nużaw l-istaff tal-Kunsill u nħallsu biex jattendu korsijiet. *GDPR*

15.3.8 Il-Viċi Sindku staqsiet dwar il-Playing Fields u għalfejn ħadd m'hu qed jieħu azzjoni kontra dawk illi juzawhom. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi intbagħtu ilmenti lill-awtoritajiet ta' infurzar izda mhix illegali li wieħed jidħol fil-Playing Fields. Fakkar ukoll illi fil-laqgħa ta' Marzu l-kunsillier J.Pillow issuġerixxa li jingħalqu l-istrutturi kollha izda ma kienx hemm ftehim minn naħa tal-Kunsill. Kien b'hekk illi minflok saru t-tabelli.

Il-kunsillier P.Radmilli ssuġerixxa li l-Gvern tipprovdi security. Is-Sindku qal illi fil-passat il-Kunsill kien ħallas għal-security personnel izda l-ispejjez kienu kbar.

15.3.9 Il-kunsillier K.Wain staqsa għalfejn in-nies qegħdin jitħallew isuqu r-rotti mall-Promenade. Is-Segretarju Eżekuttiv reġa fakkar illi l-Kunsill mhix awtorita ta' infurzar u dawn l-ilmenti jintbagħtu lil min jenforza.
Il-kunsillier W.Vella Baldacchino qal illi hemm bzonn izjed signage waqt illi l-kunsillier J.Pillow qal illi għandom isiru mall-art. Se terġa tintbagħat emajl lil A.C dwar din il-problema.

**15.4 TWEĠIBIET GĦAL MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

15.4.1 Il-kunsillier P.Radmilli bagħat emajl rigward il-lista tall-t-tenders kuntratti illi kella tintbagħat lill-kunsilliera u li kellom isiru fuq shared files għall-kunsilliera kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-lista tall-t-tenders kuntratti kienet intbagħtet waqt illi qegħdin fuq l-intralocal. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi kien qed jirreferi għad-dokumenti kompluta għal kull kuntratt. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi l-kunsilliera kienu kkonfermaw illi qatt ma kienu rċevew id-dokument. Qal ukoll illi hemm kuntratti li huma neqsin. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-informazzjoni li għandu huwa l-informazzjoni li kien sab.

15.4.2 Fuq dan il-punt is-Sindku qal illi issa ħarġu u qegħdin joħorġu ammont ta' CfQ's u tenders u hemm bzonn l-impenn ta' kulħadd biex l-evalwazzjonijiet isiru fl-inqas ħin possibli.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi saret l-evalwazzjoni tas-CfQ għall-perit tan-niċċeċ li se tiġi diskussa izjed tard, waqt illi għalqet ukoll it-tender għall-handyman. Qal illi fil-ġimgħatejn illi ġejjin se tingħalaq ic-CfQ għax-xogħolijiet tal-Monument ta' Vince Apap, kif ukoll għall-audit tas-survery tat-toroq kollha fil-lokalita.
Is-Sindku qal illi tajjeb illi l-kunsilliera jkunu jafu meta se joħorġu t-tenders u tintbagħat kopja jumejn qabel ħalli jagħtu l-opinjoni tagħhom. Sa issa d-dokument kienet qed tintbagħat biss lil dawk illi kienu kkonċernati. Il-kunsillier P.Radmilli qal ukoll illi tajjeb illi f'kull kumitat jkun hemm persuna li jaf juża e-tenders waqt illi kulħadd għandu jingħata l-opportunita.

15.4.23 Il-kunsillier P.Radmilli staqsa jekk se jsiru laqgħa tal-kumitat tal-finanzji. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għadna ssir laqgħa oħra.

## 15.5 RAPPORTI

15.5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni għas-CfQ għall-Perit tan-Niċċeċ. Kien hemm sitt applikanti fejn wieħed biss ma kienx eleġibbli peress illi l-ammont qabzet dik ta' CfQ. Fost il-ħamsa l-oħra l-irħas prezz kien ta' €5800 [Vat exc]. Il-kunsillier K.Wain ippropona li mmexxu mar-rakkomendazzjoni u l-kunsillier W.Vella Baldacchino ssekondaħ. Il-Kunsill qabel. *Perit: Niċċeċ*

15.5.2 Ġew ipprezentati r-rapporti tal-Contracts Manager. Wara diskussjoni fuq ir-rapport tal-ġbir tal-iskart fejn kien hemm qbil illi hemm problema minħabba l-piling, is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi biex jingħataw penalties irid ikun hemm approvazzjoni tal-Kunsill. Għamel referenza għal ilment ta' kunsillier qabel il-laqgħa preċedenti izda waqt il-laqgħa meta ingħata ċ-ċans jitkellem ma kien qal xejn. Qal illi qed jgħid dan kollu għax jekk kunsillier qed jirraporta problema u nuqqasijiet, dawn għandom jiġu indirazatti kif u fejn suppost. Il-kunsill qabel illi tingħata penalty peress illi piling qed isir spiss. *Contracts Manager rapport*

Il-kunsillier J.Pillow qal illi qabel il-laqgħa, għal xi 5pm, kienu diġa għamlu piling ġewwa triq il-Madonna tas-Sacro Cuor, Sant Agata, San Ġwann Baptista u Isouard. Zied illi qegħdin juzaw RCV's li mhumiex Euro IV.

Is-Sindku qal illi nimxu kif suppost u nagħtu penalties skont il-ftehim.

**Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għaddew tlett sigħat u hemm bzonn approvazzjoni tal-Kunsill biex inkomplu mall-Aġenda. Il-Kunsill qabel.**

## 15.6 ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL

15.6.1 Is-Sindku qal illi nhar il-Ħadd 3 ta' Mejju saret attivita organizzata mill-kunsillier D.Muscat ġewwa triq Sant'Elene biex ikun hemm divertiment għar-residenti u morna tajjeb. Qa illi rċieva proposta biex isir xi ħaġa simili minn naħa tal-kunsillier D.Soler. Il-kunsillier D.Soler spjega li jaf persuna li ddoqq il-vjolin li tixtieq idoqq fit-triq f'tlett toroq bejn 6-7pm.

Is-Sindku qal illi l-pulizija mhux se japprovaw li ssir fit-triq jew fuq

il-bankina izda għanda ssir fuq tarġa, jew parti ta' ġewwa ta' binja. Il-kunsillier D.Soler staqsa lill-kunsilliera jagħtu suġġerimenti rigward toroq u żied illi l-persuna għanda bzonn supply tad-dawl.

15.6.2 Il-kunsillier A.Debono qal illi jixtieq jibda foodbank fejn nies iħallu ikel għall-familji bil-bzonn. Is-Sindku ssuġerixxa li affarijiet bħal dawn jiġu diskussi mall-Kappilani waqt illi bħala Kunsill nipprovdu trasport biex nagħtu ikel.

15.6.3 Il-kunsillier J.Pillow qal illi għandna nibagħtu lill-ħaddiema jiċċekjaw l-ilma tal-Public Conveniences jekk ilhom ma jintuzaw.

15.6.4 Il-kunsillier J.Pillow qal illi issa z-zmien ineħħu l-kabini tal-cruises. Se ssir kommunikazzjoni mall-pulizija.

15.6.5 Il-kunsillier D.Soler staqsa jekk possibli tinzeba s-saqaf tal-Public Convenience ta' Ġnien Indipendenza.

## 15.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITAT U/JEW SOTTO KUMITATI

15.7.1 Ma kien hemm l-ebda rapport.

## 15.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

15.8.1 Il-kunsillier W.V.Baldacchino ppropona li l-iskeda ta' pagamenti tiġi approvata. Il-kunsillier A.Debono issekondaħ. Il-Kunsill qabel.

## 15.9 MOZZJONIJIET

15.9.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

## 15.10 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

14.11.1 Is-seduta ntemmet fl-22.30. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-

Erbgħa 3 ta' Ġunju 2020.

Minuti approvati llum nhar l-Erbgħa 3 ta' Ġunju 2020

(IFFIRMATA)

**Anthony Chircop**

**Sindku**

(IFFIRMATA)

**Anthony Attard**

**Segretarju Eżekuttiv**